**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**Id-9 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura (laqgħa b'urġenza) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013 fis-6pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Ambaxxatur/Ambaxxatriċi fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-9 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura (Laqgħa b'Urġenza) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013 fis-6pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. AMBAXXATUR/AMBAXXATRIĊI FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

1.1 Is-Sindku David Schembri qal li ntlabna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jintgħażel ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi minħabba r-riforma li se ssir fil-liġi tal-Vot ta' 16.

1.1 Żied li l-Kunsill Lokali ħareġ posters kif ukoll permezz ta' Facebook ħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ interessati sabiex japplikaw sat-Tnejn 4 ta' Novembru 2013.

1.2 Qal li permezz ta' Facebook applika ż-żagħżugħ Mark Buttigieg li wera nteress kbir f'dan l-irwol ta' ambaxxatur tal-Kunsill Lokali.

1.3 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet dwar iż-żagħżugħ Neville Spiteri li deher li kien interessat għal din il-kariga.

1.4 Il-Kunsill Lokali ddiskuta dawn iż-żewġ proposti u rriżulta lis-Sur Mark Buttigieg ma setax jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi bħala ambaxxatur minħabba li ġaladarba ż-żgħażagħ jagħlqu 18-il sena jkollhom iħallu din il-kariga.

1.4.1 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li fis-sitwazzjoni preżenti ma setax jagħżel lis-Sur Buttigieg minħabba lit-terminu tiegħu ma setax itawwal aktar mill-31 ta' Diċembru ta' din is-sena.

1.4.2 Dwar is-Sur Neville Spiteri, il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandu jintgħażel hu jekk kemm-il darba wera nteress f'din il-kariga skont kif qalet il-Kunsillier Olympia Sant.

1.4.3 Wara li kien mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali fl-istess laqgħa, is-Sur Spiteri qal li m'għadux interessat li jkun ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

1.5 Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali evalwa aktar proposti ta' żgħażagħ li setgħu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kienu interessati f'din il-kariga.

1.6 Kienet proposta ż-żagħżugħa Kimberly D'Amato li meta kienet ikkuntattjata aċċettat mill-ewwel u għaldaqstant il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar il-ħatra tagħha bħala ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

1.7 Fl-aħħarnett is-Sindku qal li din is-sejħa trid terġa' tinħareġ sa minn Frar tas-sena d-dieħla minħabba li t-terminu tas-Sna. D'Amato se jkun sa Marzu 2014.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**